FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 08 TA' GUNJU 2016

Il-Pulizija

Spettur Godwin Scerri

vs

Michael James Cassar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' numru 0195884M talli;

1. nhar il-31 ta' Mejju 2015, ghal habta tas-6:30 ta' filghaxija, fl-inhawi tal-Armier fil-Mellieha, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carl Abela f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' naturi gravi, hekk kif gie iccertifikat minn Dr Fabrizia Azzopardi MD u ta' Dr Daniel McKeanMD, bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fid-data u l-post imsemmi qabel, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Kurt Camilleri u Sylvio Zammit f'periklu car, ikkagunalhom hsara fil-gisem jew fis-sahha, liema hsara hija ta' natura hafifa, hekk kif gew iccertifikati minn Dr Ray Borg MD u ta' Dr Gunther Abela MD rispettivament, bi ksur tal-Artikolu 214 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fid-data u l-post imsemmi qabel kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba biex f'kaz ta' htija tikkunsidra lil Michael James Cassar bhala recidiv bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 49, 214, 216, u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ghal tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat